MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2007

Numru. 442/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOHANN J FENECH**

**VS**

**RAYMOND GATT**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Raymond Gatt, bin Emanuel u Mary nee' Borg, imwieled l-Imtarfa nhar id-19 ta' Frar, 1967, residenti fil-fond numru 34, Triq San Filippu, Isla, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 124067M;

Akkuzat talli nhar it-8 ta' Mejju, 2006 ghall-habta tal-22.00hrs, gewwa l-Gudja, flimkien ma' persuna jew persuni ohra mhux maghrufa:

1. Ikkommetta serq ta' diesel minn go vettura tal-marka Coles bin-numru tar-registrazzjoni DBA 597 li l-valur tieghu jeccedi l-Lm100.00 (mitt lira maltin), izda li ma jeccedix il-Lm500.00 (hames mitt lira maltin), ghad-detriment ta' Paul Psaila, minn Hal-Ghaxaq, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur, bil-lok, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. U aktar talli xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

3. U kif ukoll talli sar recediv b'sentenza tal-Qorti Kriminali ta' Malta, li nghatat nhar il-11 ta' Novembru, 2005 mill-Magistrat Dr Abigail Lofaro.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 269, 270, 271, 334, 49, u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi imputat Raymond Gatt hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontrieh, u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlitt (3) snin, ai termin tal-Artikolu Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni hekk kif migjuba kontrieh, peress li din inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel (1) imputazzjoni;
Izda ma ssibux hati tat-tielet (3) imputazzjoni hekk kif migjuba kontrieh, u ghaldaqstant tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------